

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/609

tas-27 ta' April 2020

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura interni tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/601 ⁽¹⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2018.
- (2) Skont il-punt (e) tal-Artikolu 20(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont l-Artikolu 20(1) tal-Ftehim għandu jadotta r-regoli ta' proċedura interni tiegħu.
- (3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali, peress li d-deċiżjoni ser ikollha effett legali fl-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura interni tiegħu għandha tkun ta' appoġġ għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali ⁽²⁾.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/601 tas-16 ta' April 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 5).

⁽²⁾ Ara d-dokument ST 6932/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN
